MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 351/2013

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rappreentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europa) Limited**

**vs**

**Cornelius Mulvaney (ID 319149M ) u Chantel Xuereb Mulvaney (ID 460378M )**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' erbat elef, seba mija u wiehed u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,761.75) rapprezentanti hlas illi l-istess socjeta attrici ghamlet lill Svetlana Curmi u GasanMamo Insurance Limited wara incident tat-traffiku illi l-vettura

ABR 826, propjeta ta' Cornelius Mulvaney, u misjuqa minn Chantel Xuereb Mulvaney, u koperta b'polza ta' assikurazzjoni tat-tip 'Comprehensive', kienet involuta fiha, liema pagament sar a tenur ta' l-Artikolu 12 tal-Kap 104 peress illi l-istess Chantel Xuereb Mulvaney ma kienetx koperta mill-polza ta' l-assikurazzjoni fil-mument illi gara l-incident.

Bl-ispejjez kif ahjar eskritti fl-avviz.

Rat l-eccezzjonjiet ta' l-intimati ippresentati fl-20 ta' Dicembru 2013 illi fiha sahqu li, filwaqt li s-socjeta attrici kienet accettat illi jsiru pagamenti mensili, l-ammont mitlub kien eccessiv.

Rat illi fis-seduta tal 21 ta' Frar 2014, l-intimati, t-tnejn presenti quddiem il-Qorti, ammettew t-talbiet attrici u, f'dana is-sens, intavolaw nota fejn irtiraw l-eccezzjonjiet taghhom u ammettew it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni in awla da' parte taz-zewgt intimati u rat in-nota minnhom ippresentata seduta stante wara li saret l-ammissjoni in awla.

**Qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, seba mija u wiehed u sittin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€4,761.75) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------